MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Rikors Numru. 985/2005

**Ivor John Zammit**
**vs**
**Bank of Valletta plc.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tar-rikors** ta' Ivor John Zammit li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta illi:

1. Illi huwa azzjonist fis-socjeta' intimata, u bhala tali jhossu aggravat, billi l-elezzjonijiet ghad-Diretturi li jsiru fil-Laqgha Generali Annwali jistghu ikunu oppressivi b'mod mhux gust, b'mod diskriminatorju, jew b'mod mhux gust

ta' pregudizzju, u dana kontra l-interessi tieghu bhala azzjonista fis-socjeta' intimata, kif ukoll kontra l-interessi ta' l-azzjonisti in generali, u ghalhekk jezistu c-cirkostanzi disposti fl-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta), u hemm lok li jigi applikat is-subinciz (3) ta' l-istess imsemmi artikolu.

Il-fatti

2. 1. Illi l-fatti li fuqhom huwa msejjes ir-rikors odjern huma s-segwenti:

(a) Illi l-Gvern ta' Malta huwa, flimkien ma' persuni ohra, sija naturali, kif ukoll legali, azzjonist fis-socjeta' intimata, u ghandu fl-imsemmija socjeta' hamsa u ghoxrin punt tlieta u ghoxrin fil-mija (25.23%) ta' l-ishma, u dana kif jirrizulta minn dok.A hawn anness.

(b) Illi l-'Banco di Sicilia' ghandu erbatax punt hamsa u hamsin fil-mija (14.55%) ta' l-ishma fis-socjeta' intimata, u r-rimanenti azzjonisti, sija naturali, kif ukoll legali, ghandhom bejniethom sittin punt tnejn u ghoxrin fil-mija (60.22%) ta' dawk l-ishma (ara Dok. A *hawn anness).*

(c) Illi fost ir-rimanenti azzjonisti, cioe' dawk l-azzjonisti li bejniethom ghandhom sittin punt tnejn u ghoxrin fil-mija (60.22%) ta' l-ishma fis-socjeta' intimata, hemm numru ta' azzjonisti li fihom il-Gvern ta' Malta u/jew l-istess socjeta' intimata, ghandhom interess dirett jew indirett, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza (ara Dok. A hawn anness).

(d) Illi a tenur ta' l-Artikolu 60.1.1 ta' l-*Articles of Association* (kopja taghhom hawn annessa u mmarkata Dok.B) tas-socjeta' intimata, il-Gvern ta' Malta u l-'Banco di Sicilia'' huma intitolati jinnominaw rispettivament zewg diretturi u direttur wiehed.

(e) Illi a tenur ta' l-Artikolu 60.3 ta' l-Articles of Association, ic-*Chaiman* tal-Bord tad-Diretturi huwa nominat minn dak il-Membru li ghalkemm ma jkollux iktar minn hamsin fil-mija (50%) ta' l-*issued share capital* bid-dritt tal-vot, ikollu

mhux inqas minn hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) l-*issued share capital* bid-dritt tal-vot. Illi fil-fatt ic-Chairman huwa nominat mill-Gvern ta’ Malta bis-sahha ta’ punt tlieta u ghoxrin fil-mija (0.23%) biss fuq it-treshhold rikjest mill-Artikolu 60.3, kif inghad.

(f) Illi a tenur ta’ l-Artikolu 60.1.2 tal-*Articles of Association* tas-socjeta’ intimata azzjonisti li bejniethom ikollhom mhux inqas minn ghaxra fil-mija (10%) mill-ishma bid-dritt tal-vot, ikollhom id-dritt li jeleggu direttur wiehed fuq il-Bord tad-Diretturi. Illi ghalhekk, dawk l-azzjonisti barra l-Gvern ta’ Malta u l-‘Banco di Sicilia’, li bejniethom ghandhom sittin punt tnejn u ghoxrin fil-mija (60.22%) ta’ l-ishma, ghandhom id-dritt li jeleggu sitt (6) diretturi.

(g) Illi a tenur ta’ l-Artikolu 60.2.1 l-elezzjoni tad-diretturi nominati ai termini ta’ l-Artikolu 60.1.2 ta’ l-*Articles of Association* tas-socjeta’ intimata, imsemmi hawn fuq, issir kull sena.`

(h) Illi l-votazzjoni fl-elezzjoni tad-diretturi, tista’ ssir personalment jew bil-*proxy.* Illi f’dan il-kuntest l-Artikolu 56.1 ta’ l-*Articles of Association* tas-socjeta’ intimata jghid testwalment ‘’*An instrument of proxy shall be in such form as would allow the Member appointing a proxy to indicate how he would like his proxy to vote in relation to each resolution.”* Kontestwalment, l-Artikolu 56.2 jiddisponi testwalment ‘’*Where a Member specifies in the proxy form how his proxy is to vote, the proxy from itself shall constitute the vote* PROVIDED *that the appointed proxy attends the meeting or any adjournment thereof.”* Illi f’dan il-kuntest qed tigi annessa mal-prezenti rikors, kopja ta’ *proxy form* (immarkata Dok. C*)* uzata fl-ahhar elezzjoni, li tindika bhala *proxy* lic-Chairman, jew alternattivament persuna ohra <u>sakemm l-azzjonista jaghzel li jappunta *proxy* iehor, minflok ic-Chairman.</u>

3. Illi mill-fatti suesposti, fil-kuntest ta’ l-azzjoni gudizzjarja odjerna, ghandu rilevanza kbira l-fatt li dawk l-azzjonisti li fihom il-Gvern ta’ Malta u/jew is-socjeta’ intimata, ghandhom interess dirett jew indirett, jistghu jinnominaw bhala *proxy* lic-Chairman, tenut kont tal-fatt li

kif diga' gie rilevat, ic-Chairman, li huwa wkoll direttur, huwa nominat mill-Gvern ta' Malta.

4. Illi ghalhekk hemm possibilita' reali li l-affarijiet tas-socjeta' intimata jitmexxew b'mod li, jew xi att jew omissjoni tas-socjeta' intimata jkunu oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghall-esponenti, jew b'mod li jkunu kontra l-interessi ta' l-azzjonisti in generali.

5. Ratio ta' l-artikolu 412 tal-Kap.386 ("L-Artiikolu 402")

5.1 Illi jinghad qabel xejn, li ftit kienu l-kawzi f'Malta li ttrattaw l-Artikolu 402 u meta fil-fatt gie trattat dan l-Artikolu, il-Qrati taghna, probabilment ghaliex l-istess Artikolu jarroga favur il-gudikant, diskrezzjoni li jiddeciedi, ma ddefinewx il-kriterji ta' ''oppressjoni b'mod mhux gust'', ''diskriminazzjoni,'' u mhux gust ta' pregudizzju''. Illi wiehed necessarjament ikollu jirreferi ghal sentenzi li nghataw barra minn xtutna, relattivament ghal azzjoni gudizzjarji simili, kif prospettata fl-Artikolu 402.

5.2. Illi fil-kawza Ebrahimi v. Westboutrne Galleries Ltd., Lord WIlberforce, fuq l-interessi li azzjonista jitlob li jitharsu meta jippromuovi azzjoni taht il-ligi ngliza, a tenur ta' dispozizzjoni analoga ghal-Artikolu 402, stqarr:

''*a limited company is more than a mere entity, with a personality at law of its own: that there is room in company law for recognition of the fact that behind it, or amongst it, there are individuals with rights, expectations and obligations inter se which are not necessarily submerged in the company structure.''*

5.3 Illi ghalhekk m'hemmx dubju li l-ezami trid taghmel Qorti, l-esponenti jissottometti, anke dina l-Onorabbli Qorti, ghandu jmur lil hinn mill-arrangament kontrattwali ezistenti bejn il-kontendenti, ossija minn dak li jirrizulta fl-*Articles of Association* tas-socjeta' intimata, u jridu jsiru kunsiderazzjonijiet ta' ekwita'. Ma jistax ikun hemm ekwita' ladarba c-Chairman tas-socjeta' intimata (li jipprezenta lill-Gvern bhala Direttur) huwa l-istess

Chairman tal-Laqgha Generali Annwali, u ghalkemm impost bin-nomina tieghu minn azzjonist minoritarju, effettivament jista' jikkontrolla l-elezzjoni, fejn ghandu kontroll ta' miljuni ta' voti. Dan jista' jsehh billi jikkonduci l-istess elezzjoni, fejn ghandu kontroll ta' miljuni ta' 'non voted proxy votes' ta' entitajiet li fihom ghandu interess direttament jew indirettament il-Gvern, entitajiet parastatali, kif ukoll entitajiet ohrajn li ghandu interess fihom, direttament u indirettament, l-istess Bank of Valletta plc.

5.3.1.1 Illi dan jista' jigri peress illi sallum, m'hemm l-ebda kawtela jew salva gward kontra din l-anomalija. Id-Direttur rapprezentant tal-Gvern, li fl-istess hin huwa Chairman tas-socjeta' intimata kif ukoll chairman tal-laqgha Generali Annwali jircievi kwantita' minn dawn il-voti bir-rizultat li jinholoq kunflitt ta' interess lampanti.

5.3.2 Illi dawn il-voti jkunu ghalhekk disponibbli ghac-Chairman li jqassamhom kif jidhirlu hu fuq kandidati fl-elezzjoni ghad-Diretturi li jiddeciedi hu (jew kif jista' jigi sugerit lilu mill-azzjonisti li jirrapprezenta).

5.3.3 Illi b'dan il-mod l-ezitu ta' l-elezzjoni ghad-Diretturi tista' tigi determinata unilateralment propju mic-Chairman, li fil-fatt jirraprezenta azzjonista minoritarju (il-Gvern), li hu impost fuq il-maggoranza ta' l-azzjonisti bin-nomina tieghu mill-istess Gvern.

*5.3.4* Illi b'hekk l-iskop ta' l-elezzjoni, biex ikun rifless u tigi salvagwardata rapprezentanza indipendenti u mparzjali tal-maggoranza ta' l-azzjonisti (il-pubbliku in generali), jigi *stultifikat* u skonfit, u c-Chairman ikollu il-kontroll tal-Bord, fejn ikun f'pozizzjoni li jaqdi l-interessi ta' l-azzjonist minoritarju li jirrapprezenta, bi pregudizzju mhux gust tal-maggoranza ta' l-azzjonisti.

*5.3.5* Illi sitwazzjoni bhal din din taghti lok ghal manipulazzjoni unilaterali mic-Chairman li tirriduci l-process ta' l-elezzjoni ghad-Diretturi bhala formalita' ta' obbligazzjoni mposta mill-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpaniji, minfok ghal l-iskop veru legislattiv, u kwindi tirrendi l-

process kollu ta' l-elezzjoni manifestament irregolari minkejja l-fatt li l-elezzjoni tigi kondotta fil-parametri ta' l-*Articles of Association"* in kwistjoni.

*5.3.6* Ghaldaqstant l-esponent jitlob, bir-rispett, il-protezzjoni tal-Qorti li fit-termini ta' l-Artikolu 402. (1) ta' l-Att tal-Kumpaniji 1995, prevja d-dikjarazzjoni li l-elezzjonijiet kondotti mill-Bank of Valletta p.l.c.. huma miftuhin ghall-irregolaritajiet u pregudizzju, din il-Qorti joghgobha taghti kull provediment li fic-cirkostanzi thoss li huma opportuni u necessarji biex l-elezzjonijiet tad-Diretturi isiru b'mod indipendenti, imparzjali u konformi mal-vot tal-ligi, billi ''inter alia'

(i) tordna li l-elezzjonijiet ghad-Diretturi tal-Bank of Vallletta p.l.c. isiru minn Bord indipendenti nominat ''ad hoc'';

(ii) tordna lic-Chairman tal-Bank of Valletta p.l.c. jew ir-rapprezentant tieghu, ikun eskluz mill-processs ta' elezzjoni tal-Bord tad-Diretturi.

Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti.

Rat ir-**risposta tas-socjeta' intimata** a fol. 56 tal-process fejn esponiet:

**L-ilment ta' Ivor Zammit**

1.1 Permezz ta' rikors datat 14 ta' Ottubru 2005 ir-rikorrent talab l-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti biex tipprovdilu rimedju *ai termini* ta' l-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi ppremetta illi huwa azzjonista fil-BOV u li jhossu aggravat bil-mod ta' kif tigi mmexxija l-elezzjoni ghad-diretturi tal-bank esponent u li dan il-mod jista' jkun oppressiv b'mod mhux gust, b'mod diskriminatorju jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, u dana kontra l-interessi tieghu bhala azzjonista fis-socjeta' intimata.

1.2 Din hija t-tieni sena konsekuttiva illi r-rikorrent qieghed jipprova dina l-azzjoni, wara illi ghal habta ta’ l-istess zmien is-sena l-ohra kien ukoll qajjem dan l-ilment permezz ta’ rikors quddiem dina l-Onorabbli Qorti (diverament preseduta).

1.3 Dan l-ilment mhux biss huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt izda huwa frivolu u vessatorju u bbazat biss fuq il-falliment tar-rikorrent li jkun elett bhala direttur f’okkazjonijiet meta kkontesta tali elezzjoni.

1.4 Illi in sostenn tat-tezi tieghu ir-rikorrent inter alia jghid:

(a) illi permezz ta’ sehem azzjonarju minoritarju u cioe’ ta’ 25.23%, il-Gvern ta’ Malta ‘’jimponi’’ fuq il-maggoranza, c-Chairman ta’ l-istess Bank;

(b) illi *c-Chairman* hekk appuntat minn azzjonista minoritarju effettivament jikkontrolla l-elezzjoni tad-diretturi billi jircievi numru konsiderevoli ta’ *proxies* minghand diversi azzjonisti;

(c) illi l-istess *Chairman* iqassam dawn il-voti kif jidhirlhu hu u b’dan il-mod allura jiddetermina l-ezitu ta’ l-istess elezzjoni; u

(d) illi dina tikkostitwixxi manipulazzjoni mic-*Chairman* li tirrendi l-process kollu ta’ l-elezzjoni tad-diretturi manifestament irregolari.

1.5 Fuq l-iskorta ta’ dawna l-premessi l-istess rikorrent qieghed, zbaljatament, jippretendi illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tintervjeni, ai termini ta’ l-artikolu 420(3) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta’ Malta, biex tordna inter alia s-segwenti:

(a) illi l-elezzjoni tad-diretturi ssir minn kummissjoni elettorali jew minn Bord indipendenti nominat ‘ad hoc’;

(b) tordna li c-Chairman tal-Bank esponent ikun eskluz mill-process ta' l-elezzjoni tad-diretturi u li taghti kull direttiva ohra li fic-cirkostanzi jidhrilha opportuni.

**2. Ir-risposta odjerna**

2.1 Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq u kif ser jintwera f'dina r-risposta huwa car u manifest li l-ilment tar-rikorrent huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

2.2 Il-punti saljenti ta' dina r-risporsta ser jitrattaw:

(i) il-kwistjoni ta' azzjoni ai termini ta' l-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) il-kwistjoni tan-nomina tac-*Chairman* tal-bank esponent u jekk din hix impozizzjoni tal-Gvern ta' Malta fil-konfront ta' azzjonisti ohra minghajr il-kunsens taghhom;

(iii) il-kwistjoni ta' kif jigu kondotti verament l-elezzjonijiet tad-diretturi ta' l-istess bank;

(iv) il-kwistjoni tal-*proxies* li jinghataw lic-Chairman u finalment;

(v) jekk hemm xi tip ta' manipulazzjoni tac-*Chairman* li tirrendi l-process kollu manifestament irregolari.

**3. L-azzjoni taht l-artikolu 402**

3.1 Dina l-azzjoni hija ntiza biex taghti rimedjiu lill-persuna li hija azzjonista f'kumpanija u illi tipprova ghas-sodisfazzjon ta' dina l-Onorabbli Qorti illi ''...*l-affarijiet tal-kumoanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx tmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu oppressivi b'mod mhux gust, diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust, ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali...''*

3.2 Illi almenu biex tibda tigi trattata dina l-procedura jrid ikun hemm l-allegazzjoni ta' oppressjoni, diskriminazzjoni jew xi forma ta' pregudizzju fil-konfront tar-rikorrent, liema allegazzjoni hija totalment mankanti fir-rikors odjern. Ir-rikorrent jallega illi ghax l-elezzjoni tigi kondotta fil-parametri ta' dak dispost mill-*Articles of Association* u ghax jippartecipa fiha c-*Chairman* bil-*proxies* ta' azzjonisti li volontarjament jaghtuh l-istess *proxies* din il-procedura twassal ghall-oppressjoni, diskriminazzjoni jew xi forma ta' pregudizzju fil-konfront tar-rikorrent. Ir-rikorrent pero' ma jispjegax kif, abbazi ta' l-istess artikolu li qieghed jistrieh fuqu u tal-fatti minnu premessi, huwa qed jigi diskriminat, oppressat jew b'xi mod diskriminat.

3.3 Ir-rikorrent jallega illi l-procedura ghall-elezzjoni ta' Direttur kif dedotta fl- *Articles of Association* hija fil-fatt irregolari u pregudizzjevoli, liema procedura kif ser jigi aktar ampjament spjegat fil-paragrafi li ser isegwu, hija procedura pjenament konformi mal-memorandum and articles tal-bank esponent u mal-ligi. Ir-rikorrent qieghed pero' jippretendi illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha mhux biss tmur oltre dak illi hemm sancit fl-istatut tas-socjeta' esponenti izda illi ghandha tinjora dak li hemm fl-istatut u minghajr il-kunsens ta' l-eluf t' azzjonisti l-ohra kollha tas-socjeta' esponenti tibdel dak illi huwa miftiehem. U ghalhekk ir-rikorrent mhux ghajr qieghed jinqeda bl-artikolu 402 sabiex jattakka klawsoli ben stabbiliti u mifthiema bejn l-azzjonisti li jinsabu fil-*memorandum and articles* – minghajr imkien ma jsemmi li qieghed fil-fatt jipprova gudizzjarjament jottjeni tibdil fl-istess *memorandum and articles* minghajr il-kunsens tal-bqija ta' l-azzjonisti, kif normalment tinnecessita kull bidla fil-*memorandum and articles.*

3.4 Jinghad bir-rispett illi l-artikolu 402 tal-Kap. 386 huwa ntiz sabiex jipprotegi lill-azzjonista minoritarju u li b'xi mod qed jigi oppress, diskriminat jew pregudikat. L-unika lment li jidher li ghandu r-rikorrent probabilment huwa naxxenti mill-fatt illi f'okkazjonijiet precedenti ma giex elett direttur – dan il-falliment ma jistax jintitola lir-rikorrent sabiex jattakka l-procedura ta' l-elezzjoni. Il-fatt li ma giex

elett ma tistax titqies bhala diskriminazzjoni, oppressjoni jew xi forma ohra ta' pregudizzju u in effett ir-rikorrent lanqas qieghed espressament jallega tali kondotta. Il-fatt li r-rikorrent ma ntaghzilx ma taghtix il-fakolta li jistrieh fuq artikolu tal-ligi, bhalma huwa l-artikolu 402, minghajr lanqas biss jispjega primarjament kif il-process elettorali jista' jaghti lok ghal xi oppressjoni ngusta fil-konfront ta' l-azzjonisti b'mod generali u allura sabiex wara kollox jipprova jbiddel procedura sancita fil- *memorandum and articles* tal-Bank esponent.

3.5 Taqbel is-socjeta' esponenti li fl-isfond ta' azzjoni msejsa fuq id-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 402 tal-Kap. 386 illi l-Qorti ghandha l-poter li taghmel kunsiderazzjonijiet oltre dawk strettament illegali u jridu jsiru kunsiderazzjonijiet ohra. Fejn ma taqbilx is-socjeta' esponenti huwa illi l-Qorti ghandha taghmel kunsiderazzjonijet ohra ghad-esklussjoni tad-drittijiet legali u kontrattwali. X'inhuma dawk il-kunsiderazzjonijiet ohra li allura tista' u ghandha taghmel il-Qorti fic-cirkostanzi applikabbli?

3.6 Il-locus classicus in materja huwa l-kaz ingliz fuq dispozizzjoni simili fil-ligi ngliza u cioe' Re A Company fejn il-Qorti ngliza qalet hekk:

"The concept of fairness which was chosen by Parliament as the basis of the jurisdiction under s. 459 in my judgement cuts across the distinction between acts which do or do not infringe the rights attached to the shares by the constitution of the company... Unfairness is a familiar concept employed in ordinary speech, often by way of contrast to infringement of legal right. It was intended to confer a very wide discretionary jurisdiction upon the court and I think it would be wrong to restrict that jurisdiction by adding any gloss to the ordinary meaning of the word.'' (at p. 387-8)

Huwa ghalhekk koncess illi r-rikorrent m'ghandux ghalfejn jipprova jew jallega xi ksur ta' dritt biex ikun jista' jsostni kaz abbazi tad-dispozizzjonijiet ta' l-art. 402 pero' jkun

bizzejjed illi dan juri li xi interessi tal-membri tas-socjeta' huma pregudikati b'mod mhux gust.

Dawn l-interessi tal-membri gew deskritti f'aktar minn okkazjoni wahda, u f'cirkostanzi idonei, li jinkludu ''legitimate expectations'', terminu li jabbracca aktar mis-semplici drittijiet legali. Dan it-terminu gie uzat ghall-ewwel darba fil-kaz Re Westbourne Galleries Ltd fil-kuntest ta' talba ghax-xoljiment ta' socjeta', pero' r-ragunament baqa' jigi uzat mill-qrati nglizi fil-kuntest ta' azzjonijiet ibbazati fuq id-dispozizzjoni fil-ligi ngliza (section 459 UK Companies Act) simili ghall-artiklu 402.

Ta min jirrileva illi l-fatti li ccirkondaw is-sentenza Re Westbourne Galleries Ltd, kienu ben differenti minn din il-kawza odjerna. Kif ser jigi ampjament spjegat aktar 'il quddiem f'din ir-risposta, il-Qorti ngliza tat ir-rimedju taht l-artikolu 459 tal-Companies Act Ingliza f'Westbourne Galleries, biss ghaliex il-kumpaniji li kellha quddiemha kienet wahda li tant kienet zghira illi r-relazzjoni ta' bejn l-azzjonisti fiha setghet titqies facilment bhala wahda ta' natura personali. Din hija sitwazzjoni ben differenti mill-kaz odjern. Il-House of Lords f' Re Westbourne sosniet illi:

'' The just and equitable provision does not, as the respondents (the company) suggest entitle one party to disregard the obligation he assumes by entering a company, nor the court to dispense him from it. It does, as equity always does, enable the court to subject the exercise of legal rights to equitable considerations; considerations, that is, of a personal character arising between one individual and another, which may make it unjust, or inequitable, to insist on legal rights, or to exercise them in a particular way.''

Dan ir-ragunament, ghalkemm ikkontemplat fil-kuntest ta' xoljiment ta' kumpanija minhabba f'ragunijiet gravi u sufficjenti li jaghti lok ghax-xoljiment gie adottat recentement mill House of Lords anke fil-kuntest ta' l-artikolu 402. Fis-sentenza O'Neill v. Philips. Lord Hoffman sostna illi:

‘’I would apply the same reasoning to the concept of unfairness in section 459... Lord Wilberforce.. said that it would be impossible and ‘wholly undesirable’ to define the circumstances in which that application of equitable principles might make it unjust, or inequitable (or unfair) for a party to insist on legal rights or to exercise them in a particular way. This is of course right. But this does not mean that there are no principles by which those circumstances may be identified. The way in which such equitable principles operate is tolerably well settled and in my view it would be wrong to abandon them in favour of some wholly indefinite notion of fairness.’’

L-istess Qorti kompliet tikkwota favorevolment minn Re Astec (B.S.R.) plc fejn Jonathan Parker J. sostna illi:

‘’in order to give rise to an equitable constraint based on ‘legitimate expectation’ what is required is a personal relationship or personal dealings of some kind between the party seeking to exercise the legal right and the party seeking to restrain such exercise, such as will affect the conscience of the former.’’

Lord Hoffman f’ O’ Neill v. Philipps ikkonkluda, illi dak illi wiehed irid jistaqsi sabiex jara hemmx lok ghall-azzjoni taht l-artikolu 402, jew le huwa:

‘’... whether the exercise of the power in question would be contrary to what the parties, by words or conduct have actually agreed. Would it conflict with the promise which they appear to have exchanged ?’

Hija l-fehma tas-socjeta’ esponenti illi r-rikorrenti ma jibbenefika minn ebda dritt li jittenta jivvanta ruhu minnu fir-rikors promutur. Dan id-dritt pretiz ma jirrizultax mill-istatut tal-kumpanija. Dan l-istatut huwa dak li strahu fuqu terzi nvestituri fis-socjeta’ intimata u ghaldaqstant ma jistax ikun hemm lok ghall-ebda dritt iehor, kif vantat mir-rikorrent, li ma jirrizultax mill-istess. Dan ghaliex wiehed irid izomm konstantement prezenti l-fatt illi d-dritt li qieghed jippretendi li ghandu r-rikorrent huwa dritt minn

public limited company. Kif ser jigi rrilevat aktar ‘il quddiem l-artikolu in kwistjoni ma jaghtix rimedji lil min qieghed jippretendi li ghandu xi dritt minghand public limited Company.

Huwa ghalhekk ben stabbilit, anke fuq l-istregwa tas-sentenzi fuq citati, illi fil-maggor parti tal-kazijiet ma jezistux il-premessi necessarji biex jigu sostnuti legitimate expectations in eskluzjoni ta’ drittijiet u obbligi legali. Hawn ta’ min jiccita sentenza ohra ngliza illi tpoggi dan il-hsieb b’mod l-aktar elokwenti:

‘’Although the answer to this question much in each case depend on the particular facts, it is well to recall that in Ebrahimi v, Galleries Ltd., Lord Wilberforce said that in most cases the basis of association would be ‘adequately and exhaustively’ laid down in the articles. <u>The ‘superimposition of equitable considerations’ requires, he said something more</u> (eg a personal relationship between the shareholders). This was said in the context of the ‘just and equitable’ ground for winding up; but in my judgement it is equally necessary for a shareholder who claims that it is unfair’ within the meaning of s. 459 for the board to exercise powers conferred by the articles to demonstrate some special circumstances which create a legitimate expectation that the board would not do so. <u>Section 459 enables the court to give full effect to the terms and understandings on which the members of the company become assosciated but not to rewrite them.</u>

3.7 Huwa ghalhekk car, illi ghalkemm permezz tar-rimedju wiesgha taht l-art. 402 hemm lok fejn il-Qrati jghamlu kunsiderazzjonijiet ta’ fairness u legitimate expectations daqstant iehor huwa car illi dan ma jistax jiftiehem b’mod illi l-Qrati jibdlu dak illi huwa miftiehem – izda biss jaghtuh l-effett intiz tieghu – u huwa biss ghal dan l-iskop li ghandhom jidhlu f’kunsiderazzjonijiet ohra.

3.8 Din il-pozizzjoni giet segwita f’diversi okkzjonijiet ohra fil-Qrati nglizi, bir-rizultat illi l-pozizzjoni llum, anke wara s-sentenza tal-House of Lords, fuq citata, tista’ tigi deskritta hekk:

‘’The courts will, therefore, only in special curcumstances recognise the existence of legitimate expectations which go beyond the rights of the shareholders as set out in the constitution of the company and will not interfere with carefully drafted agreements which regulate the rights of the shareholders . The principles underlying this approach appear to be as follows:

(j) There can usually be no unfairness in a commercial sense in holding business people to agreements freely enered into.

(ii) In special cases it may be unfair to hold the parties to their strict legal rights. By analogy with the equitable doctrine of estoppel, such unfairness would commonly arise where one party had, by his words or conduct, led the other to understand that the strict legal position would not be enforced or relied upon, in circumstances where it would be just to give effect to those understandings.’’

3.9 Huwa bla dubju san immens dan ir-ragunament, u cioe’ illi fl-ahhar mill-ahhar wiehed irid jibqa’ jirrikonoxxi illi r-rimedju postulat fl-art. 402 tal-Kap.386 huwa eccezzjoni ghar-regola illi f’socjeta’ kummercjali u fin-negozju generalment huwa l-ftehim miktub illi japplika u huwa biss f’kazijiet eccezzjonali li ghandu jitwarrab dak miktub a favur ta’ aspettativi legittimi tal-membri u cioe’ allura fejn dak miktub ma jirriflettix b’mod gust l-aspettativi legittimi tal-membri.

3.10 L-artikolu 402 tal-Kap.386 huwa artikolu li fin-natura tieghu jaghti lok ghal rimedji eccezzjonali u li ghaldaqstant azzjonista minoritarju jista’ biss jirrikorri ghalih f’kazijiet eccezzjonali u cioe’ fejn dak li jkun, bhala azzjonista jkun qieghed b’xi mod isofri diskriminazzjoni, oppressjoni u pregudizzju ta’ tali natura li jirrikjedu l-intervent biex jinghata r-rimedji stipulati fl-artikolu in kwistjoni. L-eccezzjonalita’ u l-partikolarita’ ta’ dawn ir-rimedji hija bil-wisq aktar evidenti u pronunzjata meta dan l-artikolu jintuza minn azzjonista f’publc limited company bhal ma’ huwa l-bank esponent u dan minhabba fin-nuqqas ta’ l-

element ta' 'quasi-partnership' fejn ir-relazzjoni bejn l-azzjonisti hija aktar intima u fejn il-kumpanija hija principalment imsejsa fuq ir-relazzjoni intima bejn is-socji.

3.11 Ghaldaqstant jinghad bir-rispett illi r-rikorrenti ghandu l-oneru mhux biss li jipprova d-diskriminazzjoni, il-pregudizzju jew l-oppressjoni ta' taht l-artikolu 402 – element li fil-fatt lanaqs biss gew allegati fir-rikors odjern – izda in oltre ghandu l-oneru akbar li jipprova li sofra tali diskriminazzjoni, oppressjoni u pregudizzju fil-kuntest ta' public limited company u fil-kuntest ta' relazzjoni bejn l-istess azzjonisti bil-wisq aktar maqghuda u intima minn dik ta' kwalunkwe kumpanija ohra li ma tikklassifikax bhala public limited company.

Kif diga' rrilevat aktar qabel, hija s-sottomissjoni tas-socjeta' intimata illi ma hemmx lok ghall-azzjoni taht l-artikolu 402 tal-kap.386 fil-kuntest ta' public limited company. Is-socjeta' esponenti ser tikkwota minn sentenza ta' Chancery Division tal-Companies Court fl-Ingilterra, fejn gie konfermat illi fil-kuntest ta' public limited company, ma hemmx lok ghall-'legitimate expectations' taht l-artikolu 402 tal-kap 386, ossia 459 tal-Companies Act Ingliz. F'Re Blue Arrow' il-Qorti meta affaccjata b'azzjoni taht l-artikolu 459 fil-kuntest ta' public limited company floated fuq l-Unlisted Securities Market, sabet illi:

''Since the outside investors were entitled to assume that the whole of the company's constitution was contained in the articles, there was no basis for finding that the petitioner had a legitimate expectation that the articles would not be altered.''

**4. In-Nomina tac-Chairman**

4.1 L-allegazzjonijiet tar-rikorrent fir-rigward tan-nomina tac-Chairman ma jistghux ikunu aktar boghod mill-verita u l-istess allegazzjonijiet huma immedjatament kontradetti mill-istess att kostituttiv tal-Bank esponent.

4.2 In-nomina ta' Chairman tal-BOV hija regolata esklussivament mill-artikolu 60.3 ta' *l-articles of association* ta' l-istess bank, li kopja tieghu hija annessa mar-rikors promotur bhala ''Dok B.''. Dana l-artikolu jiddisponi b'zewg modi dwar in-nomina ta' Chairman u cioe':

(a) l-kaz fejn hemm azzjonista tas-socjeta' li ghandu aktar minn 50% ta' l-azzjonisti fis-socjeta' bid-dritt tal-vot, fl-liema kaz tali azzjonista jkun intitolat jahtar lic-*Chairman* hu; u

(b) l-kaz ta' fejn ma hemm ebda azzjonista li ghandu aktar minn 50% ta' l-azzjonijiet bid-dritt tal-vot, allura jkun dak l-azzjonista illi ghandu l-ikbar numru t' azzjonijiet, basta ghandu almenu 25% ta' l-azzjonijiet bid-dritt tal-vot, li jkun intitolat li jahtar lic- *Chairman*.

4.3 Jidher li huwa pacifiku bejn il-partijiet illi fil-bank esponent ma hemm ebda azzjonista li ghandu aktar minn 50 fil-mija ta' l-azzjonijiet bid-dritt tal-vot. Jidher illi huwa wkoll pacifiku bejn il-partijiet li l-uniku azzjonista li ghandu l-ikbar numru ta' azzjonijiet bid-dritt tal-vot u almenu 25% ta' tali azzjonijiet huwa l-Gvern ta' Malta.

*4.4* illi huwa ghalhekk, u ghalhekk biss, illi l-Gvern ta' Malta jappunta lic-*Chairman* tal-bank u dana ai termini specifici tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 60.3 ta' *l-articles of association.* Ghandu jinghad ghal kull buon fini illi meta' kien azzjonista iehor minfok il-Gvern ta' Malta li kellu l-ghola numru ta' numru ta' azzjonijiet u li ai termini ta' l-artikolu 60.3 kien xorta wahda jahtar hu lic-*Chairman.*

*4.5* Ma hemm ebda mposizzjoni ta' hadd u fuq hadd in-norma li tirregola kif jigi appuntat ic-*Chairman* hija parti ntegrali mill-att kostituttiv tas-socjeta' u allura bhala tali ghandu l-forza ta' ligi bejn l-azzjonisti kollha u trid tigi nfurzata, u mhux bizzejjed illi lir-rikorrent ma toghgbux. Li qieghed jipprova jaghmel ir-rikorrent mhux hlief attentat goff li jiskredita' l-pozizzjoni tac-*Chairman* tal-Bank bhala nomina mposta fuq l-azzjonisti l-ohra, meta fil-fatt hija l-prodott ta' ftehim, biex imbaghad jerga' f'diversi

okkazjonijiet fir-rikors promotur jirrepeti u juza l-istess stqarrija falza fl-isperanza li dina tista', ghax ripetuta diversi drabi ssir verita', u juzaha biex jaghti s-sembjanza ta' argument serju fil-kuntest ta' l-elezzjoni tad-diretturi ta' l-istess bank u jiggustifika l-falliment tieghu fl-elezzjoni tas-sena li ghaddiet u ta' qabel li jigi elett direttur.

**5. L-elezzjonijiet tad-diretturi – l-fatti veri**

5.1 Il-hatra u l-elezzjoni tad-diretturi tal-bank esponent hija regolata esklussivament mill-artikolu 60 ta' l-*articles of association.*

5.2 Bhala regola generali kull azzjonista tas-socjeta' huwa' ntitolat li jahtar permezz ta' ittra lill-kumpanija, direttur ghal kull 10% tal-kapital azzjonarju tal-kumpanija mizmum minnu.

5.3 Kull azzjonista li m'ghandux il-kwalifika t'azzjonijiet imsemmija hawn fuq allura jkollu d-dritt jippartecipa f'elezzjoni apposita li ssir fil-laqgha generali annwali tal-bank esponent.

5.4 Kull azzjonista wahdu jew azzjonisti li bejniethom ghandhom almenu 5000 sehem fil-bank esponent ghandhom id-dritt li jinnominaw persuna biex tippartecipa fl-elezzjoni.

5.5 Fil-kuntest ta' l-istruttura kapitali prezenti l-Gvern ta' Malta' bhala azzjonista ta' 25.23% jahtar zewg diretturi; il-Banco di Sicilia bhala azzjonista ta' 14.55% jahtar direttur wiehed u l-kumplament ta' l-azzjonisti ghandhom dritt jeleggu l-kumplament tad-diretturi.

5.6 Skond l-artikolu 6 tal-memorandum of association in-numu minimu ta' diretturi huwa 7 u l-massimu huwa 10.

5.7 Jekk f'sena partikolari jkun hemm postijiet vakanti ta' diretturi daqs jew iktar milli jkun hemm kandidati allura ma jkunx hemm elezzjoni izda l-kandidati kollha jkunu appuntati ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 60.2.4.

5.8 Kull meta jkun hemm aktar kandidati milli postiiet vakanti allura ssir elezzjoni bejn dawk il-kandidati biex minnhom l-azzjonisti jaghzlu huma d-diretturi tal-bank esponenti. Dina l-votazzjoni ssir billi l-azzjonisti jivvutaw il-preferenzi taghhom ghall-kandidati li jidrilhom huma u dana f'zewg modi:

(a) Dawk l-azzjonisti li effettivament jattendu fizikament il-laqgha generali jivvutaw billi jinghataw karta tal-vot bin-numru tal-voti li jgorru l-azzjonijiet taghhom (u cioe' kull azzjoni ghandha vot) u jindikaw il-preferenzi taghhom fuq dik il-karta tal-vot;

*(b)* Dawk l-azzjonisti li jiddeciedu li ma jattendux il-laqgha generali xorta ghandhom id-dritt li jivvutaw u dana permezz ta' prokura lil xi persuna li tkun ser tattendi l-istess laqgha jew lic-*Chairman* tal-laqgha. Dawn il-prokuri (proxies) ukoll jaqghu f'zewg kategoriji u cioe' azzjonista jista' meta jaghti l-*proxy* tieghu jew jordna hu kif il-mandatarju tieghu irid jivvota jew inkella jaghti d-diskrezzjoni lill-istess mandatarju dwar kif jintefa l-vot.

5.13 Meta jintefghu il-voti f'kaxxi ssiggillati dawn jittiehdu f'kamra apposita taht is-supervizjoni ta' l-awdituri tal-kumpanija li jkunu gew appuntati mill-azzjonisti stess fil-laqgha. Jinfethu l-kaxxi tal-voti, jinghaddu, jigu rinkonciljati l-voti u sussegwentement imhabbar ir-rizultat – u dana l-process kollu taht is-supervizjoni ta' l-istess awdituri u s-segretarju tal-kumpanija li huma responsabbli minn dana l-process u li jizguraw l-integrita' ta' l-istess.

## 6. Il-Proxies

6.1 Jidher illi l-ikbar ilment tar-rikorrent, wara li jerga' jippremetti, zbaljatament, li l-istess *Chairman* huwa mpost fuq l-azzjonisti li kif diga' ntwera mhux il-kaz, huwa lic-*Chairman* jircievi hafna *proxies* minghand diversi azzjonisti ghax il-formoli ta' l-istess prokuri huma ndirizzati lic-*Chairman* u allura jkollu kwantita' enormi minn dawn il-voti u bihom jikkontrolla l-elezzjoni.

*6.2* Din hija allegazzi ohra frivola u kompletament infondata tar-rikorrent u hija kontradetta mill-istess Form of Proxy prezentata minnu annessa mar-rikors promotur. Il- ''Form of Proxy'' taqra ''The Chairman of the Meeting/<u>or</u> '', bi spazju adegwat biex il-mandanti jkun jista' jnizzel isem il-persuna li favur taghha jkun irid jaghti l-prokura. Kwindi, l-azzjonista li jixtieq jintavola l-vot tieghu izda ma jistax jattendi jista' jew jitlob lic-*Chairman* sabiex jivvota fuq ir-rizoluzzjonijiet kollha tal-meeting, inkluz il-hatra tad-diretturi minfloku jew jista' jindirizza l-istess ''Proxy Form'' lil xi persuna ohra li tkun ser tattendi l-laqgha. In oltre f'kull kaz il-mandatarju jista' wkoll jispecifika kif il-mandanti tieghu ghandu juza l-voti fuq kull rizoluzzjoni, anke fil-kaz ta' l-elezzjoni tad-diretturi.

*6.3* Jekk fl-ahhar mill-ahhar tkun l-ghazla ta' l-azzjonista li l-''Proxy Form'' jindirizzaha lic-*Chairman* u mhux lil xi haddiehor, kif ghandu l-fakolta' li jaghmel, ma jfissirx, kif jippretendi r-rikorrent, li c-Chairman qieghed b'mod jikkontrolla jew jimanipula l-elezzjoni. Ic-*Chairman*, hekk kif awtorizzat li jaghmel minn azzjonista iehor u allura biss bhala prokuratur, jintavola l-vot tieghu, ghan-nom ta' l-azzjonista mandanti li ma jkunx ser jattendi fizikament ghall-laqgha. Jinghad in oltre illi kemm fl-istatut tal-BOV (vide artikolu 6.2), kif ukoll kif jidher mill-''Form of Proxy'' innifisha, l-azzjonist jista' jindika lic-*Chairman* jew lil xi mandatarju iehor li f'idejh ikun qed jafda l-''Form of Proxy'' kif l-istess *Chairman* jew mandatarju ghandu fil-fatt jivvota. Kwindi r-rikorrent certament li mhux f'pozizzjoni li jallega li c- *Chairman* jikkontrolla miljuni ta' voti sempliciment ghax jircievi kwantita enormi ta' voti minghajr ma jara kemm minn dawk il-*proxies* huma pre-voted'' mill-mandanti stess.

*6.4* L-azzjonist fis-socjeta' intimata ghandu kull dritt li l-''Form of Proxy'' ma jindirizzahiex lic-*Chairman* izda lil haddiehor u jista' wkoll jindika specifikament lil min jixtieq li jahtar bhala direttur fuq il-bord tal-bank esponent. Daqstant iehor azzjonist ghandu kull dritt li jahtar lic-*Chairman* tal-laqgha bhala l-mandatarju tieghu u r-rikorrent ma jistax jarroga ghalih innifsu l-poter li jcahhad lil xi azzjonista billi jcahhad li xi azzjonista billi jipprova

jabbuza minn intervent gudizzjarju, biex icahhad lill-azzjonisti kollha l-ohra minn tali dritt.

*6.5* Anke jekk *semmai* wiehed jikkoncedi (li mhux il-kaz) it-tezi tar-rikorrent li minhaba li *c-Charman* jircievi numru sostanzjali ta' *Proxies* u allura jkollu l-bicca l-kbira tal-voti li jhallu f'idejh l-ghazla li jivvota hu fuq ir-rizoluzzjonijiet fil-laqgha, din hija pjenament in regola skond l-istatut tas-socjeta' u d-dispozizzjonijiet tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta u certament li mhux kif jesponi r-rikorrent li l-procedura kollha ghall-hatra tad-diretturi hija manifestament irregolari b'xi mod, u dan minghajr lanqas darba wahda biss ma jaghti hjiel ta' liema regola jew ligi qieghed jallega li qeghda tigi miksura. Hija procedura stabbilita fl-istatut, dokument li jirrifletti ftehim bejn l-azzjonisti, liema procedura hija pjenament konformi mal-ligi u b'ebda mod ma jista' r-rikorrent allura jiggustifika l-allegazzjonijiet sfaccatament skorretti tieghu.

*6.6* Dak illi fil-fatt qieghed jattakka r-rikorrent huwa d-dritt sagrosant ta' kull azzjonista li skond il-ligi u skond *l-articles of association* tal-bank esponent, jippartecipa f'laqghat u specifikatament fil-hatra tad-diretturi minghajr ma ghandu ghalfejn jattendi l-laqgha fizikament. Qieghed ghalhekk jattakka d-dritt moghti bil-ligi li azzjonista jista' b'ghazla libera tieghu jitlob *lic-Chairman* jezercita ghan-nom tieghu id-dritt tal-vot. Pero' mhux biss, qieghed jattakka wkoll ir-regoli kostituttivi tas-socjeta' li taghha huwa membru u li bihom huwa ghalhekk marbut kontrattwalment anki ma' azzjonisti ohrajn.

*6.7* Ir-rikorrent, apparti l-allegazzjonijiet frivoli li ghamel u l-attentat goff li jkun nieqes fil-veracita tal-fatti, naqas serjatament fir-rikors promotur illi jsostni l-kaz ghaliex il-process ta' l-elezzjoni tad-diretturi huwa manifestament irregolari. Il-kuntrarju huwa l-kaz u cioe' illi l-bank esponent jottempera ruhu skruplozament mad-dettami tal-ligi u tal-*memorandum and articles of association* u jirrispetta, anki ghax hekk mitlub bil-ligi, li azzjonista jista' jaghzel hu b'mod l-aktar liberu li permezz ta' *Proxy* jaghti l-poter tieghu tal-vot li xi persuna ohra li ser tattendi l-*meeting*, inkluz lic-*Chairman* ta' dak il-*meeting.* Din hija

ghazla legittma, konformi mal-ligi u ma’ l-istatut. Hija ghazla li l-azzjonist ikun halla fil-gudizzju tac-*Chairman* u r-rikorrent, bir-rispett kollu, ma jistax jikkontesta ghazla li ssir minn persuna li fiha jkun halla l-ghazla tieghu haddiehor.

*6.8* In konkluzjoni, il-bank esponent filwaqt li jerga’ jtenni l-argument precedent, jichad kategorikament l-allegazzjoni tar-rikorrent li fl-elezzjonijiet hemm xi tip ta’ manipulazzjoni unilaterali mic-*Chairman.*

*6.9* Hija prassi ben stabbilita’ li c-Chairman tal-laqgha li ghalkemm normalment huwa c-*Chairman* tal-Bank, dan mhux necessarjament dejjem il-kaz. L-artikolu 43 ta’ l-*articles of association tal-BOV* jistipula bhala regola generali illi *c-Chairman* tal-Bank ghandu jippresjedi l-laqgha generali tal-BOV, bil-possibilita izda illi kemm–il darba dan *Ic-Chairman* ma jkunx prezenti fi zmien 20 minuta mill-bidu tal-laqgha, hemmhekk jigi elett *chairman* iehor minn fost id-Diretturi prezenti sabiex imexxi dik il-laqgha. Huwa minnu li huwa normalment il-kaz illi l-azzjonisti jappuntaw lic-*Chairman* bhala l-mandatarju taghhom. Madankollu, b’daqshekk huma mhux necessarjament ikunu qieghdin awtomatikament jappuntaw lic-*Chairman* tal-Bank bhala l-mandatarju taghhom. Dan ghaliex skond il-ligi, u skond l-*articles of association* tal-bank esponent, kull laqgha bilfors irid ikollha *Chairman* u jekk lc-*Chairman* tal-Bank ghal xi raguni ma jattendix fil-hin, jinhatar *Chairman* iehor sabiex imexxi u jipprosjedi dik il-laqgha partikolari. Ghaldaqstant, bi proxy indirizzata lic-*Chairman*, l-azzjonista li ma jkunx ser jattendi l-laqgha, ikollu c-certezza li l-vot tieghu zgur ser jigi mixhut, indipendentement minn min hu dak ic-*Chairman*, u b’hekk jevita possibilita’ li l-mandatarju tieghu ma tattendix il-laqgha u b’kk il-voti ta’ dak l-azzjonista jinhlew.

## 7. Konkluzjoni

7.1 Il-Bank esponent jishaq li mhux biss jadotta proceduri konformi mal-ligijiet vigenti u ma’ l-att kostituttiv tal-kumpanija biex jizgura l-integrita tal-process tal-

elezzjoni izda jiehu mizuri ulterjuri biex jassigura procedura nadifa, trasparenti u mhix mimsusa b'ebda forma ta' manpulazzjoni kif jallega r-rikorrent. Il-procedura hija wahda regolari, u legali strettament ai termini ta' l-istatut, tal-ligi u tad-dettami tal-gustizzja fil-konfront tal-membri in generali liema procedura b'ebda mod ma tista' tghti lok ghall-azzjoni odjerna abbazi ta' l-artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji. Ghandu kull dritt ir-rikorrent li din is-sistema ma toghgbux - pero' dan ma jfissirx li mhix integra, gusta u rregolari- tfisser biss li ma toghgbux. Dan sempliciment meta, kif indikat f'din ir-risposta, lanqas ma jirreferi b'xi mod ghall-oppressjoni, diskriminazzjoni jew pregudizzju li allegatament sofra, liema nuqqas jidher b'mod lampanti fir-rikors promotur u li ghaldaqstant, tali nuqqas wahdu, ghandu jistultifika din l-azzjoni, minghajr pregudizzju ghall-argumenti l-ohra maghmula f'dina r-risposta li jxxejjnu t-tesi u kwalunkwe pretensjoni li qed jippretendi r-rikorrent. L-unika haga li sofra r-rikorrent ghalkemm ma jilmentax minnha fir-rikors promotur hija l-falliment tieghu meta kkontesta l-elezzjoni ghal direttur tal-BOV, u mill-liema elezzjoni huwa ma giex elett, mhux ghax tali elezzjoni kienet irregolari u illegali, izda ghaliex huwa tqies li mhux il-persuna adegwata biex jokkupa tali kariga mill-membri l-ohra. Din id-decizjoni ttiehdet minn nies liberi fl-ghazla taghhom u skond procedura pjenament konformi mal-ligi u ma' l-istatut tal-Bank esponent, kif gie dettaljatament spjegat aktar qabel f'din ir-risposta. Bir-rispett jinghad illi l-oppressjoni u l-pregudizzju li jirrikjedi l-artikolu 402 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta, li lanqas biss gew allegati fir-rikors promotur, jirrikjedu wisq aktar minn sempliciment falliment ta' l-azzjonist li jinhatar direttur. Dan minghajr pregudizzju ghall-argument ukoll espost f'din ir-risposta u cioe' illi l-azzjoni ntavolata mir-rikorrenti ma hix wahda li tista' tinzamm fil-konfront ta' *public limited company.*

7.2 Jinghad in oltre illi kull elezzjoni ssir taht l-ispezzjoni u sorveljanza ta' l-awdituri tas-socjeta' intimata, li qatt ma rrilevaw xi forma ta' irregolarita. Ir-rizultat sfavorevoli ta' l-elezzjoni fil-konfront tar-rikorrent bir-rispett kollu ma jaghmilx l-elezzjoni irregolari u illegali, izda jixhed biss ir-

rizultat ta' nuqqas ta' fiducja fir-rikorrent minn dawk l-azzjonisti, illi kellhom id-dritt li jivvutaw fil-laqgha.

7.3 Ghaldaqstant, abbazi tas-suespost, l-esponent jsostni illi mhux necessarju ebda intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti biex tigi zgurata l-integrita' tal-process tal-elezzjoni tad-diretturi u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rikors baqa' ghal lum ghas-sentenza fuq il-kwistjoni dwar is-sostenibilita' o meno ta' l-azzjoni proposta mir-rikorrent.

Ir-rikorrent qed isostni li skond il-bank, l-azzjoni mhiex sostenibbli billi l-azzjoni prospettata taht l-artikolu 402 tal-Kap 386 hija eskluza a priori f'kaz meta l-azzjoni tkun diretta kontra socjeta' pubblika kif inhu l-bank intimat.

Il-bank intimat pero' ma jaqbilx ma dina l-asserzjoni billi hu qatt ma ha din il-posizzjoni. Hu spjega li huwa mhux qed jghid li a priori, f'kull kumpanija pubblika, f'kull kumpanija kwotata, l-azzjoni u r-rimedju taht l-artikolu 402 mhux possibbli jew mhux sostenibbli, imma qed jghid li biex tissussisti dina l-azzjoni kontra kumpanija pubblika, iridu jigu sodisfatti certi kriterji. Dina l-azzjoni, skond l-intimat, tinkwadra ruhha biss f'sitwazzjonijiet ben precizi u limitati u hija cirkoskritta fil-kaz ta' *public limited company*.

Il-Qorti taqbel li fil-fatt il-bank intimat, kemm fir-risposta tieghu, kif ukoll fil-kontro replika, dejjem sostna li dina l-azzjoni mhiex esklusa a priori semplicement ghaliex is-socjeta' in kwistjoni hija kumpanija pubblika.

Il-bank intimat ghalhekk jirritjeni li l-azzjoni tar-rikorrent mhiex sostenibbli **kif proposta** kontra kumpanija pubblika kkwotata fuq il-Borza ta' Malta u li ghandha 'fuq minn 10,000 azzjonista, u t-tieni minhabba n-nuqqas ta' nexus bejn il-process fi hdan il-bank intimat ghall elezzjoni tad-

diretturi ma xi tip ta' pregudizzju jew/u oppressjoni projbita mill-artikolu 402 tal-Kap 386.

L-argument tal-bank intimat hu fis-sens li fil-kuntest ta' socjeta' pubblika, partikolarment wahda kwotata fuq il-Borza ta' Malta fejn hemm eluf ta' azzjonisti, id-drittijiet u l-obbligi ta' l-azzjonisti jkunu ezawriti u dettaljatament elenkati fl-istatut tal-kumpanija u ghalhekk mhemmx lok ta' xi ftehim tacitu bejn l-azzjonisti li jista' johloq xi tip ta' aspettativa legittima ta' xi azzjonist fil-konfront ta' l-azzjonisti l-ohra dwar kif ghandha titmexxa l-kumpanija. Ghalhekk fin-nuqqas ta' tali aspettativi legittimi u kemm il-darba r-rikorrent mhux qieghed jilmenta minn ksur tar-regoli fl-articles of association tal-kumpanija, huwa m'ghandux dritt ghal rimedju kontemplat fl-artikolu 402 imsemmi. Il-bank intimat ghamel riferenza ghal kaz Ingliz in Re Blue Arrow (1987).

Minn naha l-ohra r-rikorrent jirritjeni li l-ishma li l-Gvern ta' Malta jiddetjeni, jew li jista' jiddetjeni, direttament permezz ta' entitajiet tieghu, hija projbita espressament mill-artikolu 4.2.2. tal-Memorandum of Association. Inoltre hu ghandu aspettativa legittima li meta jippartecipa fl-elezzjoni c-Chairman ma jallokax il-voti lid-diretturi li jidhirlu huwa minkejja li hu kien issottoskriva ghall artikoli li fil-fatt jistabilixxu dina l-procedura.

Il-Bank intimat wiegeb li r-rikorrent qatt ma allega fir-rikors promotur tieghu xi ksur ta' articles of association u kien biss wara r-risposta ta' l-intimat, li dan il-ksur beda jigi allegat. Inoltre l-kwistjoni taht l-artikolu 4.2. m'ghandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni tal-elezzjoni tad-diretturi.

Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz fir-rikors promutur il-bazi ta' l-azzjoni tar-rikorrent mhiex fuq il-ksur ta' l-istatut tal-kumpanija izda ghaliex kif qed jigi applikat dan l-istatut, skond ir-rikorrent, dan qed jopprimieh, jiddiskrimina kontra tieghu u qed ikun pregudizzjevoli ghalih.

Kwantu ghall pretensjoni tar-rikorrent dwar *legitimate expectation* taht l-artikolu 402 fil-kaz odjern ir-rikorrent qed ihossu aggravat bil-mod kif tmexxew l-elezzjonijiet tad-

diretturi tas-socjeta’ intimata billi l-elezzjoni ta’ tali diretturi li jsiru fil-Laqgha Generali Annwali jistghu jkunu oppressivi b’mod mhux gust, b’mod diskriminatorju, jew b’mod mhux gust ta’ pregudizzju, u dana kontra l-interessi tieghu bhala azzjonista fis-socjeta’ intimata kif ukoll kontra l-interessi ta’ l-azzjonisti in generali. Ghaldqastant ir-rikorrent talab il-protezzjoni ta’ din il-Qorti ai termini ta’ artikolu 402(1) ta’ l-Att dwar il-Kumpanniji, 1995.

L-Artikolu 402(1) ta’ l-Att dwar il-Kumpaniji jghid hekk:

“*Kull membru ta’ kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b’mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x’aktarx se jkunu, oppressivi b’mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b’mod mhux gust ta’ pregudizzju, ghal membru jew membri jew b’mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali jista’ jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.*”

Artikolu 402(3) ta’ l-istess Att jaghti diskrezzjoni lill-Qorti li tiehu numru ta’ provvedimenti jekk, dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) jew (2), il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel.

Ir-rikorrent ghamel rikors skond is-subartikolu 402(1) u ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi jekk il-mod kif tmexxew l-affarijiet tas-socjeta’ intimata, u izjed specifikatament il-mod kif tmexxew l-elezzjonijiet tad-Diretturi tas-socjeta’ intimata, kienux oppressivi b’mod mhux gust, diskriminatorji kontra, jew b’mod mhux gust ta’ pregudizzju, ghar-rikorrent u ghall-membri in generali.

Ghalkemm permezz ta’ l-art. 402 il-Qrati jistghu jaghmlu kunsiderazzjonijiet ta’ *fairness u legitimate expectations* izda dan ma jfissirx illi l-Qrati jistghu jibdlu dak illi huwa miftiehem imma jistghu biss jaghtuh l-effett intiz. Il-Qorti ma tistax tibdel l-istatut tal-kumpanija jew tirregola l-andament ta’ l-elezzjoni tad-diretturi b’mod iehor mhux sancit fl-istatut jew taghmel tibdil sostanzjali fih minghajr

tinvolvi lill-eluf ta' azzjonisti l-ohra li mhumiex parti f'dan ir-rikors, li ma esprimewx ruhhom fuq il-kwistjoni, u li ghandhom dritt, daqs ir-rikorrent, li jigi mharsa skond l-istatut li huma kienu ssottoskrivew ghalih.

Biex tirnexxi l-azzjoni tar-rikorrenti hu jrid jipprova mhux biss li sofra diskriminazzjoni, pregudizzju jew oppressjoni taht l-artikolu 402 izda anke li sofra tali diskriminazzjoni, oppressjoni u pregudizzju fil-kuntest ta' *public limited company*.

L-Att dwar il-Kumpanniji ma jaghtix definizzjoni tal-kriterji ta' "oppressjoni b'mod mhux gust", "Diskriminazzjoni" u "mod mhux gust ta' pregudizzju". Ghalhekk il-Qorti trid tirreferi ghal awtoritajiet legali Inglizi sabiex ikun jista' jiftiehem ahjar xi trid tfisser il-ligi. Jekk xi wiehed jew izjed minn dawn il-kriterji jissussistu jkun jista' jinghad li membru jew membri ta' kumpannija jkunu sofrew '*unfair prejudice'* liema terminu jinkludi fih il-kriterji kollha stabbiliti f'artikolu 402 ta' l-Att.

F'*Re Bovey Hotel Ventures Ltd.* (1983) Slade J iddeskriva '*unfair prejudice'* b'dan il-mod: "*The test for unfairness must, I think, be an objective, not a subjective, one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have de facto control of the company have acted as they did in the conscious knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith; the test, I think is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner's interests.*"[1]

Il-proceduri ghall-elezzjoni tad-diretturi tas-socjeta' intimata huma stabbiliti minn Artikolu 60 ta' l-Articles of Association tas-socjeta' intimata. Ir-rikorrenti mhux qed jghid li l-elezzjoni tad-diretturi ma saritx skond Artikolu 60. Jidher li l-lanjanza tar-rikorrent hi li fil-Proxy Form membru tas-socjeta' intimata jista' jinnomina c-Chairman tas-socjeta' intimata bhala l-prokuratur tieghu meta l-istess

[1] Palmer's Company Law, July 2004, op. cit. pag.8200/1.

Chairman huwa wkoll ic-Chairman tas-socjeta' intimata li huwa mahtur mill-Gvern Malti u li 'Ma jistax ikun hemm ekwita' ladarba c-Chairman tas-socjeta' intimata (li jirraprezenta lill-Gvern bhala Direttur) huwa l-istess Chairman tal-Laqgha Generali Annwali u ghalkemm impost bin-nomina tieghu minn azzjonist minoritarju effettivament jista' jikkontrolla l-elezzjoni, fejn ghandu kontroll ta' miljuni ta' voti.".

Skond il-procedura stabbilita l-azzjonista li jixtieq jivvota izda ma jistax jattendi ghal laqgha, jista' jew jitlob lic-*Chairman* minfloku sabiex jivvota fuq ir-rizoluzzjonijiet kollha tal-*meeting* inkluz il-hatra tad-diretturi, jew jista' jindirizza l-istess *''Proxy Form''* lil xi persuna ohra li tkun ser tattendi l-laqgha. In oltre f'kull kaz l-azzjonista jista' wkoll jispecifika kif il-mandanti tieghu ghandu juza l-voti fuq kull rizoluzzjoni, anke fil-kaz ta' l-elezzjoni tad-diretturi. Il-fatt li l-azzjonista ghandu l-ghazla li l-''Proxy Form'' jindirizzaha lic-*Chairman* u mhux lil xi haddiehor, ma jfissirx, kif jippretendi r-rikorrent, li c-Chairman qieghed b'mod jikkontrolla jew jimanipula l-elezzjoni. Din hija ghazla libera li hija konformi mal-ligi u ma' l-istatut u r-rikorrent ma jistax jikkontesta ghazla li ssir minn persuna li fiha jkun halla f'idejn haddiehor.

Din il-Qorti tara li m'hemm l-ebda inekwita' jew irregolarita' li c-Chairman, fil-kapacita' tieghu ta' prokuratur tal-membri skond il-Proxy Forms, jivvota f'isem il-membri li ddelegawlu l-awtorita' kif jidhirlu xieraq hu jew skond kif indikat specifikatament fil-Proxy Form, sakemm ic-Chairman kif gja nghad jezercita' din l-awtorita' fil-parametri tal-Memorandum u l-Articles of Association tas-socjeta' intimata u tal-ligi.

Ir-rikorrent issottometa li l-ezami li trid taghmel din il-Qorti "*ghandu jmur lil hinn mill-arrangement kuntrattwali ezistenti bejn il-kontendenti, ossija minn dak li jirrizulta fl-Articles of Association tas-socjeta' intimata, u jridu jsiru konsiderazzjonijiet ta' ekwita'*."

Fil-*Farrar's Company Law* jinghad illi '*A member's interests are not necessarily limited, therefore, to his strict*

*legal rights under the Articles and the Companies' Act but can extend also to legitimate expectations as to the conduct of the company's affairs arising from the nature of the company and the agreements and understandings between the parties."*[2]

Din id-duttrina ta' *legitimate expectations* giet applikata mill-Qrati Inglizi f'kazijiet ta', hekk imsejjha, '*quasi-partnerships'* fejn il-membri tal-kumpannija jkollhom relazzjonijiet individwali b'sahhithom u li huma lkoll involuti fit-tmexxija ta' kuljum tal-kumpannija. Il-membri tas-socjeta' intimata, li hija *public limited company*, m'ghandhomx din it-tip ta' relazzjoni bejniethom jew mal-kumpannija u s-socjeta' intimata ma tistax tigi kkunsidrata bhala *quasi-partnership*. Barra minn hekk fil-kaz *Re Astec (BSR) Ltd.* (1998) intqal ukoll li "*the concept of 'legitimate expectations' …. Can have no place in the context of public listed companies*."[3]

Illi f'dan il-kaz fejn si tratta ta' *public limited company*, il-Qorti trid taghti certu piz lill-provvedimenti ta' l-*Articles of Association* tas-socjeta' intimata. Certament ma tistax tinjorahom kif qiesu qed jippretendi li ghandha taghmel ir-rikorrent. Il-Qorti taghmel riferenza ghall insenjament ta' Sealy[4] fejn jinghad illi:

"*The more clearly and fully the parties have spelt out their arrangements, the less scope there will be for the court to find that there were other, unrecorded 'expectations'. And if the company is a public company (more particularly if it has made a public issue of its shares) the court is most unlikely to take notice of any alleged arrangement that is not recorded in the company's published documents, for to do so would fly in the face of the principle that all material information must be disclosed to potential investors*".

Investituri ghandhom dritt li ma jigux rinfaccjati aktar tard fi ftehim jew arrangamenti ohra li ma jkunx jidhru fl-istatut ta'

---

[2] Farrar's Company Law, 4th Ed., op. cit. pag.449
[3] Palmer's Company Law, July 2004, op. cit. pag.8210/1.
[4] Sealy L.S. (2001) Cases and Materials in Company law. 7th Ed. P 524-5

*public limited company* jew b'xi aspettativi da parti ta' xi azzjonist iehor.

Barra minn hekk f'dan il-kaz ir-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova tal-manipulazzjoni unilaterali tac-Chairman allegata minnu jew xi prova ohra li turi li l-mod kif titmexxa l-elezzjoni tad-diretturi tal-Bord tal-Bank of Valletta p.l.c. jista' b'xi mod johloq xi tip ta' pregudizzju ghar-rikorrent jew li tali proceduri huma oppressivi jew diskriminatorji. Il-fatt biss li r-rikorrent ma giex elett ma tistax titqies bhala diskriminazzjoni, oppressjoni jew xi forma ohra ta' pregudizzju

Ghalhekk il-Qorti tikkonkudi li l-azzjoni intentata mir-rikorrent hija nsostenibbli billi r-rikorrent ma pprovax li hu b'xi mod sofra oppressjoni, diskriminazzjoni jew pregudizzju u fit-tieni lok ghax l-azzjoni ntavolata minnu u kif proposta ma hix wahda li tista' tinzamm fil-konfront ta' *public limited company.*

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
l-Qorti jidhrilha li l-ilment tar-rikorrent ma jistax jintlaqa
u ghalhekk mhux opportun li din il-Qorti taghti xi tip ta' provvediment.
Ghalhekk tichad it-talba
Spejjez ghar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------